**27 ta' Settembru, 1990**

**Imħallfin: –**

**Onor. Prof. Wallace PH. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin) (Manch) D.P.A. (Lond) – President**
**Onor. Joseph D. Cmilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Emmanuel Grech *et*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Diskriminazzjoni – Avukat Ġenerali tar-Repubblika – Diskrezzjoni – Reat – Piena – Qorti Kriminali – Qorti tal-Maġistrati**

*L-akkużat kien instab ħati mill-Qorti Kriminali li kkoltiva l-pjanta cannabis sativa. Fl-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali hu rreleva l-punt li liġi Kriminali kienet tikser id-drittijiet fundamentali tiegħu billi l-għażla li tiġi pproċessat b'ġuri jew quddiem il-Qrati Inferjuri kienet imħollija f'idejn l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika. Tali għażla kienet timplika piena differenti jekk hu jinstab ħati. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rreferit il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-Prim'Awla ddeċidiet li l-Art.22 (2), 31 u 32 tal-Kap.101 ma jmorrux kontra l-Art.39 (1) u (8) tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti rriteniet li ma kienx hemm nuqqas ta' smigħ xieraq u lanqas diskriminazzjoni projbita bis-sempliċi fatt li l-liġi affidat*

*diskrezzjoni f'idejn l-Avukat Ġenerali tar-Repubbika bl-art 22 (2), 31 u 32 tal-Kap. 101 dwar jekk akkużat jitressaqx quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Maġistrati. Id-diskrezzjoni afdata f'idejh kienet waħda kważi ġudizzjarja u ma setgħetx tiġi minnu eserċitata kapriċċjosament imma skond il-gravità tal-każ.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors ta' David Grech li bih fisser:

Illi fl-1 ta' Diċembru, 1986, hu kien ġie misjub ħati mill-Qorti Kriminali talli kkoltiva l-pjanta cannabis sativa u li kellu fil-pussess tiegħu l-istess pjanta, kollha jew biċċa minnha u ġie kkundannat elfejn lira Maltija (Lm2,000) multa, u ħames snin priġunerija, kif ukoll għal tliet kwarti ta' l-ispejjeż tal-perizji u għall-konfiska ta' l-oġġetti esebiti;

Illi hu kien ippreżenta rikors ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali u bħala aggravju ta' l-appell tiegħu ssolleva preliminarjament l-anti Kostituzzjanalità ta' l-artikolu 22 (2); 31 u 32 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi wara li l-aggravju hawn fuq imsemmi ġie ttrattat u saru sottomissjonijiet kemm orali u bil-miktub, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali bid-digriet tagħha ta' l-24 ta' Jannar, 1989 irreferiet il-kawża fl-ismijiet premessi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili a tenur ta' l-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tar-regolament 5 ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1964 biex l-istess/Awla tal-Qorti Ċivili tiddeċiedi fuq l-anti-kostituzzjonalità o meno ta' l-artikoli 22 (2), 31 u 32 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċinali Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta, abbażi tar-raġunijiet sottomessi minnu b'mod partikolari biex tiddeċiedi jekk imorrux kontra l-artikolu 39 (1) u (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi abbazi ta' dan id-digriet hawn fuq imsemmi r-Reġistratur tal-Qorti assigura li l-inkartament tal-proċeduri jinġieb quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-perijodu previst mill-avviz legali 48 ta' l-1964 qiegħdet dan il-każ ossia kwistjoni għas-smigħ;

Illi dan il-każ ġie ttrattat mill-avukati tal-partijiet "in extenso" u saru sottomissjonijet diversi kemm ta' natura legali kif ukoll ta' fatti;

Illi l-Onorabbli Prim'Awla bis-sentenza tagħha tal-1 ta' Awissu, 1989, iddeċidiet u ddikjarat illi l-artikolu 22 (2), 31 u 32 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ma jmorrux kontra l-artikolu 39 (1) u (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi fis-sentenza tagħha hawn fuq riferita, il-Prim'Awla, wara li kkonsidrat iċ-ċirkostanzi li taw lok għal dan il-każ, hawn premessi f'dan ir-rikors, ikkwotat l-artikoli in kwistjoni msemmija rigwardanti l-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkwotat l-artikolu 39 (1) u (8) u tat l-interpretazzjoni tagħha u finalment waslet għad-deċiżjoni tagħha ġa msemmija;

Illi huwa ħass ruħu aggravat minn din is-sentenza u minnha entro ż-żmien previst mill-Avviz Legali 49 ta' l-1964 qed jinterponi umli appell quddiem din il-Qorti; u ssottometta illi l-aggravju hu ċar u manifest u ta r-raġunijiet ta' l-appell tiegħu u ċjoè;

1. Fl-umli fehma ta' l-esponenti u bl-akbar rispett lejn id-

deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti, is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kkonsidratx l-argumentazzjoni legali u fattwali li saru mill-avukati tal-partijiet u l-istudju u riferenzi li saru dwar il-punt in materja. Meta wieħed jaqra s-sentenza, wieħed jista' faċilment jaħseb illi ma nġabu l-ebda argumenti biex jipprova t-teżi tiegħu u dan għaliex bir-rispett, l-ewwel Qorti sempliċiment analizzat l-artikoli tal-liġi in materja, interpretat b'mod strett l-artikoli tal-Kostituzzjoni u ma għamlet l-ebda aċċenn għall-prinċipji mressqa mill-esponenti li huwa fundamentali u bażilari; anzi sisien li fuqu hu mibni d-Dritt Kostituzzjonali. Is-sentenza tal-Prim'Awla ma qagħditx fuq il-prinċipju tar-"*rule of law*", skartat riferenzi ta' awturi u artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja u argomentazzjoni oħra li saret mill-avukati ta' l-esponenti. Mingħajr ebda menzjoni "*obiter dicta*" ta' dawn il-prinċipji, din il-kwistjoni interessanti u akkademikament ta' ċerta portata ġiet ridotta għal eżami wisq sempliċi;

2. Il-punt in kwistjoni jrid jiġi analizzat u apprezzat "*against the black cloth*" ta' l-ispirtu tal-Kostituzzjoni tagħha u l-prinċipju tar-"*rule of law*". Kemm iċ-"*charter*" ossija l-"*Universal Declaration of Human Rights*" adottat mill-Assemblea Ġenerali fl-10 ta' Diċembru, 1948, kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru, 1950, għandhom bħala bażi li kull bniedem għandu jiġi ttratat l-istess quddiem il-liġi u li liġi għandha toffri l-istess protezzjoni għal kulħadd. Din hi s-saltna tad-dritt li fil-każ odjern tfisser li l-awtorità ossija diskrezzjoni mogħtija bil-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-Avukat Ġenerali, li bla ebda dubbju teffettwa l-libertà ta' individwi bħala skala ta' piena jrid ikollha ġustifikazzjoni aċċettata mil-liġi f'pajjiż demokratiku. Dan il-poter, dan l-att ta' l-Avukat Ġenerali li

jiddetermina hu l-piena hu żejjed, ma għandu ebda ġustifikazzjoni legali u hu ndħil u intervent serju f'poter li hu biss tal-Qorti. Taħt l-umbrella ta' l-artikoli ċitati tal-Kap 101, *l-Avukat Ġenerali qed jingħata "unrestricted discretionary powers" - "quod prinċipi placuit legis habet vigorem"* hi l-awtorità tiegħu dwar il-piena li għandha l-forza tal-liġi, prinċipju li għalkemm aċċettat f'xi kampi tal-liġi ma jagħmilx sens fil-kaz odjern, anzi qed joħloq poter arbitrarju flok "*the rule according to ascertanable laws*", il-liġi li trid li quddiemha kulħadd hu ugwali. Imma wieħed isaqsi fejn hi l-ugwaljanza, fejn mar jistaħba l-prinċipju tas-saltna tad-dritt meta fuq l-istess, fuq sempliċi deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali, bniedem jista' jeħel piena anqas meta l-każ tiegħu jiġi rinvjat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Ir-"*rule of law*" ifisser li l-poter tal-Gvern u l-uffiċjali tiegħu għandu jemerġi minn struttura ta' "*recognised rules*" ta' prinċipji li jirrestrinġu l-poter diskrezzjonali – "*the golden and staight metwand of the law*" u mhux "*the uncertain and crooked cord of discretion*" – Cook. Hi l-Qorti Kostituzzjonali li għandha l-poter li tkun gwardjan li poter simili, li ċertament jista' joħloq abbuż, jiġi mneħħi. Ma hux argument li l-uffiċju ta' *l-Avukat Ġenerali li hu ntegru, kif fil-fatt hu, l-"fatto sta"*, li tali poter mogħti 'l-uffiċjali tal-Gvern, fil-poter esekuttiv jew amministrattiva jista' jiġi abbużat u "*justice must not only be done, but be seen to be done*". Ċittadin akkużat bl-istess reati u bl-istess fatti għandu d-dritt f'pajjiż demokratiku li jsaqsi r-raġuni għala ċittadin sieħbu ġie aġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati u insegwitu weħel ferm anqas minnu u hu li ġie ġġudikat mill-Qorti Kriminali weħel ferm aktar. Meta l-Avukat Ġenerali għandu diskrezzjoni bħal din, m'għandu għalfejn jagħti l-ebda raġuni, fin-nuqqass ta' raġuni pubblika u uffiċjali, l-Avukat Ġenerali jkun qed jassumi funzjoni biss riservata għall-

Qorti peress li hi l-Qorti biss li għandha l-poter tamministra l-ġustizzja u tinfliġġi piena;

3. L-isfond tal-prinċipju tas-"*separation of powers*" u l-indipendenza tal-ġudikatura hu li atti tal-Gvern, tal-poter leġislattiv u ta' l-eżekuttiv għandhom jiġu ġġudikati mill-imħallfin. Mhux hekk fil-każ odjern, "*una volta*" li l-Avukat Ġenerali jippreżenta l-att ta' l-akkuża bbażat fuq l-artikoli ċitati u l-abbużi odjerni li jaqgħu taħt il-kap 101, dan l-uffiċjal tal-Qorti jkun qed jissogetta lill-Qorti biex tamminista l-ġustizzja fejn l-istess Qorti hi priva milli tittratta lil kull bniedem b'mod ugwali. Dan l-istat ta' fatt jista' jkun indħil tal-Gvern ta' Malta li f'ismu jiġi redatt l-att ta' l-akkuża fuq il-Ġudikatura. L-imħallef sedenti fil-Qorti Kriminali jippresedi l-ġuri b'mod proċedurali b'mod ġust, iżda l-fini tar-riċerka tal-verità hi s-sentenza u f'każ ta' ħtija l-Qorti qatt ma tista' tikkonsidra l-ġustizzja b'mod ugwali, il-piena bil-liġi, bil-forza tal-poter ta' l-Avukat Ġenerali qatt ma tista' tkun l-istess bħal ta' dak taċ-ċittadin li l-kaz tiegħu fuq l-istess fatti u akkużi ġie deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati. L-interpretazzjoni tal-Prim'Awla ta' l-artikolu 39 (1) hi waħda konvenzjonali u tradizzjonali, interpretazzjoni ferm dejqa u stretta li ma ħaditx in konsiderazzjoni dan l-istat eċċezzjonali, dan l-isfond ta' inċertezza, dan l-istat li joħloq trattament differenti għaċ-ċittadini. L-esponenti bir-rispett isaqsi: imma x'jiswa li proċess jassigura biss li l-ġudikant ikun indipendenti u imparzjali, li l-esponenti jiġi infurmat bl-akkuża, jingħata ż-żmien biex jiddefendi ruħu, li jeżamina x-xiehda, jipproduċi x-xhieda tiegħu u jkollu difensur, meta dan kollu assigurat mil-lat proċedurali, l-iskop tas-smigħ xieraq li hi l-piena f'każ ta' ħtija hi soġġettata għall-għażla diskriminatorja ta' wieħed mill-partijiet fil-proċess. Wieħed jista' jasal biex jargomenta li l-

ġudikanti ma hux indipendenti għax meta ser jiġi biex jamministra l-ġusitzzja, id-deċiżjoni tal-"*Maximum*" u l-"*minimum*" mhux f'idu, iżda f'idejn l-Avukat Ġenerali. "*Nemo judex in causa propria*" l-Avukat Ġenerali f'sens hu l-imħallef għax qed jagħżel il-massimu u l-"*minimum*" tal-piena hu. Għalhekk l-interpretazzjoni tradizzjonali ma tapplikax għal dan il-każ,l-interpretazzjoni għandha tkun waħda wiesgħa u fil-fatt żgur li qatt ma eżista poter daqshekk diskriminatorju bħal dan;

4. L-esponenti jixtieq ukoll jagħmel riferenza għall-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja li ġew ikkwotati, kif ukoll għas-sottomissjonijiet li saru dwar l-artikoli 45 u 39 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li ġew ikkwotati fit-trattazzjonijiet quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

Wara li ppremeta dan kollu, ir-rikorrent talab bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-artikoli ċitati tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta (Edizzjoni 1984) imorru kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta partikolarment kontra l-Artikolu 39 (1) (8) u tiddeċiedi li l-ispejjez taż-żewġ istanzi jkunu a karigu ta' l-appellant;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali, li espona:

1. Illi s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċvili ta' l-1 ta'Awissu, 1989, fil-kawża fil-ismijiet premessi hija ġusta u timmerita konferma;

2. Illi a skans ta' ripetizzjoni l-esponenti jagħmel riferenza għan-nota tiegħu tal-15 ta' Ġunju, 1988, quddiem il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet premessi li l-atti tagħha ġew allegati

ma' atti ta' dawn il-proċeduri fuq ordni ta' l-ewwel Qorti u jżid dan li ġej;

3. Illi l-appellant jinvoka r-"*rule of law*", u l-allegazzjoni li l-*Universal Declaration of Human Rights* u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem għandhom bħala bażi li kull bniedem għandu jiġi ttrattat l-istess quddiem il-liġi u li l-liġi għandha toffri l-istess protezzjoni għal kulħadd;

4. Illi din l-Onorabbli Qorti trid tiddeċiedi **mhux** jekk id-diskrezzjoni mogħtija lill-Avukat Ġenerali tmurx kontra r-"*rule of law*" iżda trid tiddeċiedi biss jekk l-artikoli 22(2), 31 u 32 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101, Edizzjoni 1984) jiksrux l-artikolu 39 (1) u (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jista', "*per exampli gratia*", jiġi allegat li d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess tmur kontra r-"*rule of law*" iżda sakemm din ma hix projbita mill-Kostituzzjoni qatt ma jista' jiġi ritenut li tali diskriminazzjoni fuq dik il-bażi tmur kontra l-Kostituzzjoni. Inoltre, id-diskriminazzjoni mogħtija lill-Avukat Ġenerali b'ebda mod ma tmur kontra s-saltna tad-dritt meta dik id-diskrezzjoni temana u ġiet ikkonferita minn dak "id-dritt" stess u dan bħal kwalunkwe diskrezzjoni konferita mil-liġi;

5. L-aċċenn li sar għall-Universal Declaration of Human Rights huwa ukoll irrelevanti. Dik id-Dikjarazzjoni ma kkreat ebda obbligu ta' natura legali jew legalment enforzabbli la internazzjonalment u anqas domestikament. Di fatti fil-parti preambolari tagħha dik id-Dikjarazzjoni tgħid:

*"Now therefore, the General Assembly Proclaims this Universal Declaration of Human Rights as* **a common standard** *of achievement for all peoples and all nations, to the end that every individual and every organ of society, keeping the Declaration constantly in mind* **shall strive** *by teaching and education to promote respect for these rights and freedoms and by progressive measures, national and international, to secure their universal and effective recognition and observance, both among the peoples of Member States themselves and among peoples of territories under their jurisdiction"* (sottolinear ta' Avukat Ġenerali).

6. Għalhekk dik id-Dikjarazzjoni hija stqarrija ta' aspirazzjonijiet ta' ***"Standard"*** li n-nazzjonijiet **iridu jfittxu** *(strive)* li jippromwovu u dan bil-mod u fil-limiti li kull nazzjoni jidhirlu xieraq;

7. Similment, il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id- Drittijiet tal-Bniedem, fil-preamblu tagħha jingħad li

*"Being resolved, as the Governments of European countries which are like minded and have common heritage of political traditions, ideals, freedom and the rule of law, to take the first steps for the collective enforcement of* **certain** *of the Rights stated in the Universal Declaration have agreed as follows....."* (sottolinear ta' l-esponenti).

Malajr wieħed jirrikonoxxi d-differenza bejn il-lingwaġġ u terminoloġija ġenerika tal-"*Universal Declaration of Human Rights*" liema lingwaġġ u terminoloġija huma konsonanti ma' stqarrija ta' prinċipji iżda mhux konċiljabbli ma' normi legalment

enforzabbli u l-lingwaġġ u terminoloġija preċiża, speċifika u rigoruża ta' l-*European Convention* konċiljabbli ma' normi legalment enforzabbli;

8. Fi kwalunkwe każ dak li jrid jiġi nterpretat ma hix il-Universal Declaration on Human Rights u anqas il-Konvenzjoni Ewropeja iżda l-Kostituzzjoni ta' Malta u din il-Qorti ġa kellha okkażżjoni tagħti l-interpretazzjoni tagħha ta' l-artikoli relevanti tal-Kostituzzjoni li inċidentalment tikkonċidi ma' l-interpretazzjoni ta' l-artikoli analogi tal-Konvenzjoni Ewropeja mogħtija mill-organi approprjati tal-Kommunità Ewropeja kif ġie rrilevat fin-nota ta' l-esponenti tal-15 ta' Ġunju, 1988 fuq imsemmija;

9. Illi l-appellant għandu t-tendenza li jirridefinixxi kif l-aktar konvenjenti għalih konċetti legali bħal "*rule of law*" biex imbagħad jibni kostruzzjonijiet u argumenti legali tortwużi fuqhom sakemm a kwalunkwe kost jasal għall-konkluzjoni li għaliha jrid jasal. Dan mhux il-mod kif jiġu interpretati l-liġijiet tal-pajjiż, fuq kollox il-Kostituzzjoni;

10. Għaldaqstant, u għal raġunijiet oħra li jiġu spjegati fit-trattazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti, l-appell ta' David Grech għandu jiġi respint bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant u għandha tiġi kkonfermata s-sentenza appellata;

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla ta' l-1 ta' Awissu, 1989 li biha dik il-Qorti tiddeċiedi l-kwistjoni rimessa lilha bid-digriet imsemmi billi ddikjarat li l-artikolu 22 (2), 31 u 32 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ma jmorrux kontra l-artikolu 39 (1) u (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

L-ispejjeż jitħallsu minn David Grech wara li kkunsidrat illi;

1. B'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali fl-1 ta' Diċembru, 1986 fil-kawża fl-ismijiet premessi, l-imsemmi David Grech ġie misjub ħati li kien jikkoltiva l-pjanta Cannabis u li kellu fil-pussess tiegħu l-istess pjanta, kollha jew biċċa minnha, u ġie kundannat elfejn lira Maltija u ħames snin priġunerija kif ukoll għal tliet kwarti ta' l-ispejjez tal-perizji in konessjoni mal-kaz u għall-konfiska ta' l-oġġetti esebiti in konnessjoni *ma' l-istess każ;*

2. David Grech appella minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u fil-mori ta' l-appell irrileva l-kwistjoni msemmija dwar l-anti-kostituzzjonalità jew le ta' l-artikoli 22(2), 31 u 32 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Dwar l-artikoli wara l-emendi tal-Kapitolu msemmi bl-Att VIII tal-1986, jiddisponi hekk: **Artikolu 22 (2)** – "Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja skond kif jordna l-Avukat Ġenerali u jekk tinstab ħatja teħel għal kull reat –

(a) Meta tinsab ħatja mill-Qorti Kriminali:

(i) Meta r-reat ikun il-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew, il-promozjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanjament ta' assoċjazzjoni taħt il-paragrafu (f) tas-sub-artikolu (1) ta' dan l-artikolu, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn għoxrin sena u multa ta' mhux inqas minn

elf lira Maltija iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija u;

(ii) għal kull reat ieħor priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin, u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija iżda mhux iżjed minn għaxart elef lira Maltija; jew

(b) meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrat;

(i) fil-każ li persuna tinsab ħatja ta' reat taħt il-paragrafu (b), (ċ) jew (e) ta' l-artikolu 8 jew tinsab ħatja ta' reat dwar bejgħ jew traffikar ta' xi mediċina oħra bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew tinsab ħatja ta' reat dwar il-promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' assoċjzzjoni taħt il-paragrafu (f) tas-sub-artikolu (1) ta' dan l-artikolu, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn ħames snin, multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija iżda minn elfejn lira Maltija;

(ii) għal kull reat ieħor fil-każ ta' persuna li tinstab ħatja multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija iżda mhux iżjed minn elf lira Maltija jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il-xahar jew din il-multa u priġunerija flimkien'';

**Artikolu 31** – ''Minkejja li l-Avukat Ġenerali jkun ordna skond id-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza li persuna tiġi pproċessata mill-Qorti Kriminali, huwa jista' f' kull żmien qabel ma jippreżenta l-att ta' l-akkuża, jordna li dik il-persuna tiġi proċessata quddiem il-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, u malli jsir dak l-ordni l-

Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tkun kompetenti li tipproċessa lil dik il-persuna daqs li kieku ma jkun ingħata ebda ordni qabel'';

**Artikolu 32** – Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali bla ħarsa għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31 ta' din l-Ordinanza, il-Qorti tal-Maġistrat tal-Pulizija Ġudizzjarja tkun kompetenti li tipproċessa r-reati kollha kontra din l-Ordinanza kif ordnat mill-Avukat Ġenerali skond id-dispozizzjonijiet tas-sub-artikolu (3) ta' l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza'';

4. David Grech jissottometti li minn dawn l-artikoli fuq ċitati joħroġ ċar li l-Avukat Ġenerali għandu diskrezzjoni li jiddeċiedi hu jekk jirrinvijax każ (ta' akkuża ta' reat kontra l-Ordinanza in kwistjoni ) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew jippreżenta l-att ta' l-akkuża biex persuna tiġi ġġudikata mill-Qorti Krimianli. Tali diskrezzjoni, ikompli jissottometti Grech, iġġib magħha konsegwenzi u effetti li żewġ persuni akkużati seperatament bl-istess fatt, jista' jkollhom pieni differenti; ċjoè dak li jkollu l-każ rinvijat mill-Avukat Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkollu piena inferjuri minn dik tal-persuna l-oħra li tiġi ġudikata mill-Qorti Kriminali. Dan it-trattament, jissottometti Grech, hu anti-kostituzzjonali peress li jagħmel il-piena tiddependi mhux mill-fatt fih innifsu, iżda mix-xelta ta' l-Avukat Ġenerali ;

5. David Grech jirritjeni li tali trattament minnu jmur espressament kontra l-artikolu 39 (1) (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan huwa l-uniku artikolu ndikat fid-digriet in kwistjoni bħala l-artikolu li tiegħu huwa l-allegat ksur;

6. L-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li "kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il-darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi";

7. David Grech jallega li d-diskrezzjoni mogħtija lill-Avukat Ġenerali fl-artikoli 22(2), 31 u 32 ta' l-Ordinanza msemmija tikber l-artikolu 39 (1) imsemmi inkwantu jirrigwarda l-element tas-smigħ xieraq. Di fatti josserva fin-nota tiegħu li s-sens ta' "*fair hearing*" ma jfissirx biss ġustizzja ta' proċedura, iżda wkoll illi l-akkużat, ossija kull persuna li tinġieb quddiem kwalsiasi qorti, tippretendi li dwar l-istess fatti għandu jkollha l-istess trattament ta' piena massima;

8. L-element ta' "Smigħ xieraq" fl-artikolu 39 (1) imsemmi, jimporta li fi proċess kriminali l-ġudikant ikun indipendenti u imparzjali, li l-akkużat tkun tempestivament infurmat bl-akkuża u li jkollu żmien u opportunità jiddefendi ruħu billi jeżamina x-xhieda kontra tiegħu u jipproduċi l-provi tiegħu, li jkollu assistenza legali u fakoltajiet simili. Id-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali kkontemplata fl-artikoli msemmija, ma taffettwax l-element imsemmi ta' smigħ xieraq;

9. L-anqas ovvjament ma taffettwa dik id-diskrezzjoni, l-elementi l-oħrajn ta' l-artikolu 39 (1) u ċjoè l-element taż-żmien raġonevoli u ta' l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Qorti;

10. L-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni jiddispona li "ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni, li fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx

jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi imposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi imposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul;

11. David Grech evidentement ma jallega ebda ksur ta' dan l-artikolu. Huwa ċċitah fin-nota tiegħu biss bħala argument biex isostni l-pretensjoni tal-ksur ta' l-artikolu 39 (1) Kostituzzjoni;

12. Mill-permess jidher ċar li bl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija lilu bl-artikoli 22 (2), 31 u 32 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi l-Avukat Ġenerali jista' jagħżel bla ma jagħti raġuni, bejn li bniedem akkużat b'reat kontra l-Ordinanza msemmija jkun soġġett għall-piena massima ta' għoxrin sena priġunerija u ħamsin elf lira multa, jew għall-piena massima ta' ħames snin priġunerija u elfejn lira multa. Id-dispozizzjonijiet imsemmijin jistgħu, jekk qatt, jikkreaw diskriminazzjoni fit-trattament inkwantu għall-piena, bejn persuni akkużati b'reati identiċi għal ta' xulxin. Iżda ma jidhirx li dawk id-disposizzjonijiet jiksru b'xi mod l-artikolu 39 (1) (8) tal-Kostituzzjoni, kif allegat;

Rat ir-rikors ta' David Grech ta' l-24 ta' Novembru, 1989, biex din il-Qorti teżamina l-lanjanza ta' l-imputat ukoll taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri abbli tal-partijiet, u eżaminat id-dokumenti kollha li għalihom saret riferenza;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-proċess;

Ittrattat ir-rikors;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-18 ta' April, 1990, u d-dokumenti eżibiti magħha;

Ikkunsidrat illi l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni, li għalih saret riferenza fir-rikors ta' l-appell, jipprovdi testwalment;

''39 (1): kull meta xi ħadd, ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu......jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli *minn Qorti indipendenti u imparzjali, maħtura* b'liġi'';

It-tmien inċiż ta' l-artikolu 39 li għalih saret riferenza wkoll, ma jidhirx li huwa rilevanti peress illi jittratta fuq piena fid-dati differenti ta' meta sar ir-reat, u meta tiġi mogħtija l-piena, (ħaġa li mhix in kwistjoni hawnhekk);

L-ewwel inċiz ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u Libertajiet Fundamentali, li llum huwa parti mil-liġijiet ta' Malta in vista ta' l-Att XIV ta' l-1987 (l-att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja), u l-appellant jirriferi għalih bir-rikors tiegħu ta' l-24 ta' Novembru, 1988, kien il-mudell ta' l-Ewwel inċiz ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni tagħna, u jgħid tassattivament;

''Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili jew ta' l-obbligi tiegħu u *ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal* smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi'';

Ma jidhirx, u ma kienx, allegat quddiem din il-Qorti, li l-varjant Malti fit-test tal-Kostituzzjoni, ("smigħ xieraq") u fit-test tal-Konvenzjoni ("smigħ imparzjali") joħloq xi diffikultà għall-fini ta' dan ir-rikors;

Ikkunsidrat li l-artikolu 22 tal-liġi dwar Mediċini Perikolużi (kap.101) ma jikkotemplax diskriminazzjoni bejn persona u oħra. Jikkontempla li kulħadd ikun ipproċessat bl-istess mod. L-ewwel, il-kaz jarah l-Avukat Ġenerali, li jiddeċiedi l-kaz jitressaqx quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġiudizzjarja (cfr. Conn Stafford Smythe and H.M. the Queen – Supreme Court of Canada – 14/6/1971). Iżda l-lanjanza tar-rikorrenti hija oħra; li impliċitu f' din l-għażla hemm diskrezzjoni inkontrollata afdata f'idejn l-Avukat Ġenerali li jista' jaqbad u jagħmel li jrid kapriċċosament b'mod li persuni addebitati bl-istess fatti jistgħu jsibu ruħhom quddiem Qorti differenti;

Minn dan jidher, li l-kwistjoni qofol ta' din il-kawża, hija tweġiba għall-mistoqsija: X'inhuwa "smigħ xieraq?" Il-pretensjoni avvanzata mill-appellant hi illi "smigħ xieraq" jirrigwarda l-proċeduri kollha sa mill-bidunett meta jaqa' l-ewwel suspett fuq persuna, sa l-aħħar mument tas-sentenza; iżda l-Qorti hija tal-fehma li dan jeżorbita mill-meritu tal-kawża odjerna li huwa jekk id-diskrezzjoni mogħtija b'liġi lill-Avukat Ġenerali li jista' jagħżel il-Qorti (Superjuri jew Inferjuri) li quddiemha għandu javvanza l-akkuża, in konnessjoni mad-drogi bil-konsegwenzjali kriterju differenti fil-piena, il-persuna akkużata tkun ippreġudikata. Is-sentenza ta' din il-Qorti, tista' tkun biss deċiżjoni fuq dan il-meritu;

Ġie sottomess li tali għażla hija diskriminatorja peress li ma ġie stabbilit fil-liġi l-ebda kriterju li a bażi tiegħu id-diskrezzjoni għandha tkun eżerċitata. Apparti li dan l-appell huwa bbażat fuq l-artikolu 39 u mhux l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, (li jirrigwardaw ''smigħ xieraq'' u ''diskriminazzjoni'' rispettivament) l-Avukat Ġenerali ma jistax jaqbad u jagħmel li jrid fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni;

Prinċipju vitali ta' interpretazzjoni ta' liġijiet, huwa li l-liġi għandha tkun interpretata loġikament u bil-bon sens kollu. Issa l-Qorti tifhem li meta l-liġi fl-għerf tagħha tħalli xi diskrezzjoni f'idejn xi awtorità, dik l-awtorità (Ministru, Kap ta' Dipartiment, f'dan il-kaz l-Avukat Ġenerali għandha dmir teżerċita d-diskrezzjoni mħollija f'idejha, bil-bon sens kollu u jekk ikun hemm xi kriterju impliċitu, f'dik id-diskrezzjoni, għandha timxi fid-dawl ta' dak il-kriterju impliċitu. F'dan il-każ il-Qorti ssib li ċertament, hemm kriterju impliċitu, fid-diskrezzjoni mħollija f'idejn l-Avukat Ġenerali , i.e. li l-każi kollha serji kontra l-Ordinanza Kap. 101, għandhom jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali fil-waqt li każi inqas serji għandhom jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati;

Dan il-Kriterju impliċitu ta' serjetà joħroġ ċar mill-piena iktar iebsa, li l-liġi tikkontempla għall-każi li jaslu quddiem il-Qorti Kriminali, u mill-fatt li huwa l-Avukat Ġenerali stess – il-persuna responsabbli fis-sistema tagħna, għall-atti ta' l-akkuża kollha kriminali, infushom skond il-Kodiċi Kriminali – li għandu jħaddem id-diskrezzjoni;

Ikkunsidrat li huwa risaput li għalkemm hija ħaġa mixtieqa li l-Parlament meta jiddelega diskrezzjonijiet f'idejn l-Esekuttiv,

għandu jevita dikrezzjonijiet soġġettivi, u jipprovdi diskrezzjonijiet oġġettivi, jiġifieri diskrezzjonijiet li għandhom jimxu fuq il-gwida ċara li jiddeskrivi l-Parlament; fi żminijiet kontemporaniji qed jinstab diffiċli ħafna li jkunu evitati d-diskrezzjonijiet soġġettivi biex ilaħħqu mal-komplessitajiet tal-ħajja soċjali kontemporanea, partikolarment f'sitwazzjonijiet ta' evoluzzjoni ta' kondizzjonijiet soċjali li jkunu qed jieħdu l-kors tagħhom, u l-Qorti, fil-waqt li għandha d-dover li tipproteġi d-drittijiet fundamentali ta' l-indiviwi ma għandhiex tiġri biex tolħoq diffikultajiet għall-evoluzzjoni soċjali u progressiva tal-kommunità. Jekk inhuwa diffiċli biex tinsab diskrezzjoni oġġettiva, fejn tali diskrezzjoni oġġettiva tirriżulta impliċità il-Qorti għandha tirrikonoxxiha. Ovvjament mela kemm in vista tal-konsegwenzi gravi li neċessarjament isegwu mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, fl-għażla hemm impliċitu l-kriterju tal-gravità tal-każ. Hemm impliċitu fid-diskrezzjoni mogħtija mill-Avukat Ġenerali, li għandu jressaq il-każi serji quddiem il-Qorti Superjuri, u l-każi inqas serji quddiem il-Qorti Inferjuri. Għalkemm normalment jingħad, li l-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni mhux sindakabbli la mill-awtorità, lanqas minn dik Ġudizzjarja, l-Avukat Ġenerali fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni, qed jeżerċita mansjoni kważi ġudizzjarja, li għandu jeżerċita skond ir-regoli tal-ġustizzja naturali, li tradizzjonalment dejjem kienu applikati mill-Qrati Maltin, u kull fejn hemm diskrezzjoni kważi-ġudizzjarja, imħollija b'liġi f'idejn xi awtorità ezekuttiva. Terġa' l-Kostituzzjoni ta' Malta, tagħti lill-Avukat Ġenerali pożizzjoni kemm jista' jkun indipendenti fl-eżerċizzju tal-mansjonijiet tiegħu, komparabbli ma' dik ta' l-indipendenza ta' l-Imħallfin;

Fiċ-ċirkostanzi, li jibqa' skopert, huwa sempliċiment l-

element uman, stante li l-kriterju applikat jista' jvarja minn persuna għal oħra, u dan meta tinbidel il-persuna fl-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali li għandha teżerċita din id-diskrezzjoni: iżda l-kriterju qiegħed hemm avolja impliċitu, u l-Avukat Ġenerali huwa marbut bih, u qatt, sa fejn hu magħruf ma kien hemm xi allegazzjoni ta' xi abbuz kapriċċuż fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni, li mhix tant ġdida. (Kap. 101 qabel Kap. 161);

U dan peress li hawnhekk qegħdin f'kamp fejn id-dikjarazzjoni ta' l-Avukat Ġenerali, hija libera u b'ebda mod soġġetta għal xi direzzjoni min-naħa ta' l-Esekuttiv, peress li t-tielet inċiż ta' l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni jipprovdi kategorikament li:- ''3) fl-eżerċizju tas-setgħat tiegħu biex jistitwixxi, jagħmel u jwaqqaf proċeduri kriminali, u ta' kull setgħat oħra mogħtija lilu b'xi liġi, f'termini li jawtorizzawh li jeżerċita dik is-setgħa, fil-ġudizzju individwali tiegħu, l-Avukat Ġenerali ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra'';

Għalkemm il-Qorti qiegħda tgħid li dan il-kriterju huwa impliċitu b'dana kollu fil-fatt jirriżulta li mhux tant impliċitu iżda jopera b'mod ġenerali, peress li ''l-iżda'', il-proviso, għat-tieni inċiż ta' l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap. 101) jindika ċar, li s-serjetà tal-ħaġa għandha tkun il-kriterju ta' l-għażla tal-forum jew tal-Qorti: – ''iżda meta l-Avukat Ġenerali jew il-Qorti skond il-każ, ikunu sodisfatti li min jagħmel ir-reat ma jkunx persuna li tikkultiva, tipproduċi, tbiegħ, jew xorta oħra tittraffika f'xi mediċina perikoluża għall-użu ta' min jagħmel ir-reat biss, jew ta' strumenti għal dak il-għan, jew jikkonsisti fit-teħid ta' xi mediċina bħal dik;

"(i) persuna bħal dik ma għandhiex titressaq quddiem il-Qorti Kriminali u ma tkunx soġġetta għall-priġunerija, u

"(ii) Meta xi persuna kif intqal qabel tkun fid-data li fiha jkun magħruf li sar ir-reat, reġistrat bħala persuna li tkun qed tirċievi kura għad-dipendenza fuq mediċini, f'dak il-mod u skond dawk l-arranġamenti li jkunu saru mill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, u tkun ċertifikata taħt dawk l-arranġamenti li tkun qed tagħmel il-kura preskritta lilha, dil il-persuna tkun eżentata minn kull piena dwar kull wieħed mill-imsemmija reati li jkunu saru waqt li tkun reġistrata kif intqal qabel";

Altru milli diskrezzjoni li tista' tkun eżerċitata kapriċċosament mill-kliem tal-liġi jirriżulta b'mod mandatorju kif l-Avukat Ġenerali għandu jimxi fil-każi serji u fil-każi inqas serji;

Ikkunsidrat, li ż-żewġ rapporti tal-Kummissjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem, fil-każ De Cubber V. Belgium (28,172) u Ben Jacoub V. Belgium (32,287) li għalihom l-appellant irrefera ma jippreżantawx każi analogi għal dan. Biżżejjed jingħad li dawk ir-rapporti sabu li kien hemm preġudizzju f'Imħallef, li ta s-sentenza, li preċedentement kien fisser opinjoni dwar jekk il-persuna li kkundanna kellhiex titqiegħed għall-ġudizzju, fil-każ tagħna l-Avukat Ġenerali bl-ebda mod ma jieħu sehem fil-ġudizzju finali, li jibqa' dejjem l-eżerċizzju tal-Qorti Kriminali, jew tal-Qorti li quddiemha l-każ jitressaq. Minn dan isegwi, li l-Avukat Ġenerali ma jistax kapriċċosament jissottometti lil persuna għall-piena massima ta' priġunerija ta' għaxar snin apparti multa, eċċ, lil persuna, filwaqt li jissottometti lil persuni oħra, akkużata ta' reat simili għall-

piena massima ta' prigunerija ta' 12-il xahar, apparti multa, ecc. Billi l-piena japplikaha l-Imħallef jew il-Maġistrat il-piena qiegħda f'idejn persuna kompletament separata u differenti minn dik ta' l-Attorney General li jista' jiffunzjona quddiem il-Qorti sempliċiment fil-kwalità ta' prosekutur, u mhux ta' ġudikant tal-persuna akkużata a bażi tad-deċiżjoni tiegħu u ġudikant li jsib li kien hemm xi ħaġa arbitrarja fid-deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali għandu r-rimedji pależi f'idejh li japplika l-piena ġusta għall-każ. U dan jista' jagħmlu billi fis-sistema kriminali Malti, *għandna l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali li jintitola lill-Qorti* tapplika piena inqas mill-minimu għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza u fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Il-fatti li kaz jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali flok quddiem Qorti tal-Maġistrati, ma jwassalx bil-fors għal piena ogħla, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li hemm raġunijiet speċjali u straordinarji. Din il-Qorti mingħajr esitazzjoni tiddikjara formalment, illi jekk ikun jidher li kien hemm xi ħaġa arbitrarja, fid-deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali li wasslet biex każ jirrizali quddiem il-Qorti Kriminali flok il-Qorti tal-Maġistrati dak ikun każ ċar li jitlob l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali;

Dan ifisser li bis-saħħa ta' dan l-artikolu id-diskrezzjoni dwar l-applikazzjoni tal-piena qiegħda f'idejn il-Qorti u mhux f'idejn l-Avukat Ġenerali u konsegwentement bid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali l-akkużat ma jkunx ippreġudikat irrimedjabbli;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell billi ssib l-artikoli 22 (2), 31 u 32 ta' l-Ordinanza dwar Mediċina Perikolużi (Kap 101) ma jmorrux kontra l-artikoli 39 (1) u (8) tal-Kostituzzjoni.